# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta’ nhar il-Ġimgħa, 12 ta’ Lulju 2019**

**Numru 13**

**Referenza Kostituzzjonali Numru 34/2015/1AF**

**Richard Cachia Caruana**

***v.***

**Onor. Joe Mizzi u Kurt Farrugia**

1. Dan huwa appell tal-Onor. Joe Mizzi u Kurt Farrugia minn sentenza mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha fil-21 ta’ Novembru 2017 li biha wieġbet għar-referenza kostituzzjonali magħmula lilha mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali [“il-Qorti tal-Maġistrati”] waqt proċeduri kontra l-appellanti billi qalet li ma nkiser l-ebda dritt fundamentali tal-appellanti għal-libertà tal-espressjoni mħares taħt l-art. 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-

Libertajiet Fundamentali [“il-Konvenzjoni] u lanqas li x’aktarx sejjer jinkiser dan id-dritt tagħhom bħala konsegwenza tal-fatt li l-attur mexxa kontra tagħhom kemm bi proċeduri kriminali kif ukoll bi proċeduri ċivili wara li deherlu li parti minn diskors li ntqal mill-Onor. Mizzi kien jagħtih malafama. L-ewwel qorti għalhekk bagħtet l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex tkompli tisma’ u tiddeċiedi l-każ.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk: fit-13 ta’ Lulju 2012, waqt l-aħbarijiet tas-7.30 ta’ filgħaxija fuq l-istazzjon televiżiv *One TV,* ixxandret intervista li kien għamel l-istess stazzjon lill-appellant Mizzi. Dak iż-żmien l-appellant l-ieħor Kurt Farrugia kien l-editur reġistrat tal-istazzjon *One TV*. Billi deherlu li parti mid-diskors li ntqal matul din l-intervista kien jagħtih malafama u kellu l-ħsieb li jtellfu jew inaqqsulu r-reputazzjoni tiegħu, Richard Cachia Caruana fetaħ proċeduri kriminali u wkoll proċeduri ċivili kontra l-appellanti..

3. Waqt is-smigħ tal-proċeduri kriminali l-Qorti tal-Maġistrati fit-22 ta’ April 2015 tat dan id-dikriet:

> »Tenut kont …… … [illi] l-ilment imressaq mir-rikorrenti fejn huma jikkontendu illi l-fatt li ttieħdu kemm proċeduri kriminali kif ukoll proċeduri ċivili fil-konfront tagħhom fuq l-istess fatt u mill-istess persuna jistgħu jkollhom dak illi l-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem issejjaħ *chilling effect* hija waħda valida u li jistħoqq illi tiġi eżaminata mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili a tenur tal-artikolu 4(3) tal-Kap 319:
>
> »Il-qorti
>
> »… … …
>
> »qiegħda tgħaddi s-segwenti kweżiti sabiex jiġu kkunsidrati mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili sabiex jiġu minnha kkunsidratu u deċiżi:
>
> »1. Huwa minnu illi l-fatt li l-kwerelant Richard Cachia Caruana nieda kemm proċeduri ċivili kif ukoll kriminali kontra r-rikorrenti Joe Mizzi u Kurt Farrugia, fil-kapaċità tagħhom ta’ membru tal-Parlament u ġurnalist rispettivament, ma kinux intiżi sabiex jipproteġu r-

reputazzjoni tal-istess kwerelant iżda attwalment kienu intiżi sabiex iżommuhom milli jeżerċitaw id-dritt ta' l-espressjoni tagħhom u l-obbligu tagħhom li jesprimu ruħhom dwar materji ta' interess pubbliku, u dana għalhekk bi ksur tal-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem?

»2. Huwa minnu illi, fil-każ in eżami minn dina l-qorti, l-applikabilità ta' sanzjoni kriminali kontra r-rikorrenti f'każ fejn sanzjoni ċivili qiegħda tintalab ukoll f'proċeduri separati jistgħu iwasslu sabiex jinkisru jew x'aktarx jinkisru id-dritt tal-libertà tal-espressjoni tar-rikorrenti, u dana bi ksur tal-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem?«

4. Bis-sentenza tal-21 ta' Novembru 2017 li minnha sar dan l-appell, l-ewwel qorti wieġbet hekk:

> »… … … il-qorti … … … qiegħda tiddikjara illi fil-konfront tal-istess Onorevoli Joe Mizzi u Kurt Farrugia ma ssib li kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-artikolu 10 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u lanqas li, f'dan l-istadju, x'aktarx se jinkisru d-drittijiet tagħhom taħt dan l-artikolu. Għalhekk, qiegħda tibgħat dan il-provvediment flimkien mal-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex tkompli tisma' u tiddeċiedi skont il-liġi l-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Sandro Camilleri) *v.* Onor Joe Mizzi u Kurt Farrugia.
>
> »Spejjeż jitħallsu mir-rikorrenti l-Onorevoli Joe Mizzi u Kurt Farrugia.«

5. Sar appell b'rikors tal-1 ta' Diċembru 2017 li għalih l-Avukat Ġenerali wieġeb fil-11 ta' Diċembru 2017.

6. Waqt is-smigħ tal-appell għadda b'liġi l-Att XI tal-2018 – l-Att dwar il-Midja [sic] u l-Malafama [Kap. 579] – li fl-art. 25, wara li jħassar l-Att dwar l-Istampa [Kap. 248] (l-Att li taħtu tressqu l-imputazzjonijiet kontra l-appellanti), ikompli hekk:

> »**25.** (4) Kwalunkwe proċeduri kriminali istitwiti taħt l-Att imħassar qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att u li, mad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, ikunu għadhom għaddejjin quddiem xi qorti, għandhom jieqfu.«

7. Referenza taħt l-art. 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319] hija maħsuba biex il-qorti referenti tkun tista', fil-proċeduri quddiemha, tagħti sentenza li ma tkunx bi ksur tal-Konvenzjoni. Il-

proċeduri ewlenin huma dawk quddiem il-qorti referenti u l-proċeduri tar-referenza huma biss episodju fil-proċeduri ewlenin u ma għandhomx eżistenza awtonoma.

8. Din ir-referenza saret fl-atti tal-proċeduri kriminali, li għalhekk kienu l-proċeduri ewlenin, u li issa waqfu kif igħid u jrid l-art. 25(4) miġjub fuq. Jekk jintemmu l-proċeduri ewlenin jintemmu l-episodji kollha f'dawk il-proċeduri, u jekk il-proċeduri jintemmu qabel ma tkun ingħatat tweġiba finali għar-referenza – bħal ma ġara fil-każ tallum – ma jibqa' ebda skop għar-referenza billi l-qorti referenti ma jkollha ebda proċeduri quddiemha u ebda ħtieġa aktar għat-tweġiba li kienet maħsuba biex tiggwidaha f'dawk il-proċeduri.

9. Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' interess ġuridiku, il-qorti ma tqisx aktar dan l-appell.

10. Fiċ-ċirkostanzi, kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr